MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Numru 1365/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**

**KONTRA**

**CARMELO INNORCIA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmelo Innorcia ta’ 34 sena, ta’ nazzjonalita’ taljana, bin Santo u Maria nee’ Linfa, imwieled il-Germanja nhar id-29 ta’ Dicembru, 1972, residenti fil-fond numru 9, Daffodil, Triq G Ricasoli, Kalkara, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru AJ 9479539;

Akkuzat talli:

1. Nhar l-1 ta’ Ottrubru, 2007, f’xi hin matul il-gurnata, f’Marsaxlokk, ikkommetta serq ta’ flus

kontanti u diversi oggetti ohra minn residenza numru 7, Triq Marsaxlokk, Marsaxlokk, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda mhux l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Vincent Tabone;

2. U aktar talli nhar it-3 ta' Ottubru, 2007, f'xi hin matul il-gurnata, fis-Swieqi, ikkommetta serq ta' diversi apparat elettroniku, fosthom computer u photographic cameras minn residenza numru 98, Triq il-Giebja, Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Taina Hirvensalo;

3. U aktar talli nhar it-3 ta' Ottubru, 2007, f'xi hin matul il-gurnata fis-Swieqi, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli u somma flus kontanti minn residenza numru 20, Triq Habb il-Qamh, Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' David Pace;

4. U aktar talli nhar il-5 ta' Ottubru, 2007, f'xi hin matul il-gurnata f'Had-Dingli, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli, somma flus kontanti, u oggetti ohra minn residenza numru 10, Josalis, Triq Ganni Mari Abela, Dingli, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Joseph Azzopardi;

5. U aktar talli nhar is-7 ta' Ottubru, 2007 f'xi hin matul il-gurnata, fis-Swieqi (Ibragg), ikkommetta serq ta' diversi gojjelli u oggetti ohra minn residenza numru 17, Dearborn, Triq il-Qawsalla, Swieqi (Ibragg), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Joseph Bezzina;

6. U aktar talli nhar l-14 ta' Ottubru, 2007 f'xi hin matul il-gurnata, f'Hat-Attard, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli u somma flus kontanti minn residenza 'Villa Aljorica', Triq is-Sieqja, Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-elf lira

maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Alfred Micallef;

7. U aktar talli nhar l-14 ta' Ottubru, 2007 f'xi hin matul il-gurnata, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli, somma flus kontanti, u oggetti ohra minn residenza imsejha 'Il-Gifen', Triq il-Bahar l-Iswed, San Giljan, liema serq huwa kkalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' John Borda;

8. U aktar talli nhar is-16 ta' Ottubru, 2007 f'xi hin matul il-gurnata f'Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli u oggetti ohra minn residenza numru 20, Triq il-Maqdes ta' Gunu, Marsaxlokk, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda mhux l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Nicolina Borg;

9. U aktar talli f'xi hin bejn it-13 u s-17 ta' Ottubru, 2007 f'Hat-Attard, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli minn residenza numru 32, Triq Birkirkara, Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Nicolina Borg;

10. U aktar talli nhar id-19 ta' Ottubru, 2007 f'xi hin matul il-gurnata, f'Hat-Attard, ikkommetta serq ta' diversi gojjelli, u oggetti ohra minn residenza imsejha 'Gardjola', Triq Frans Dingli, Attard, u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda mhux l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' George Cini;

11. U aktar talli nhar l-20 ta' Ottubru, 2007 f'xi hin matul il-gurnata, f'Hat-Attard, ikkommetta serq ta' diversi apparat elettroniku, fosthom computer u camera fotografika, minn residenza imsejha 'Villa Ciantar', Triq is-Sienja, Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda mhux l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' Anthony Ciantar;

12. U aktar talli fl-istess zminijiet imsemmija fl-akkuzi precedenti, lok, u cirkostanzi f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta u kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

13. U aktar talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), nhar is-26 ta' Marzu, 2007, u hekk kif estiza fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghtija nhar il-11 ta' Awwissu, 2007, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

14. U fl-ahharnett talli rrenda ruu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Rat illi l-imputazzjoni tnax (12) inghatat bhala alternattiva ghal dik ta' serq, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 279, 334, 28B, 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rat li l-imputat ammetta li f'perjodu relattivament qasir – f'ghoxrin gurnata, hu wettaq tal-anqas hdax-il serqa minn residenzi privati, fejn sebgha minnhom il-valur tal-oggetti misruqa kien jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

Rat ukoll li din is-sena kien diga' instab hati darbtejn ta' reati punibbli bi prigunerija, u d-darbtejn inghata opportunita' sabiex jirriforma l-eghmil tieghu, izda ghal xejn. Fid-dawl tal-ammissjoni, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati, u ghall-finijiet ta' piena sejra taghti prigunerija effettiva. Bil-komputazzjoni tal-piena ai termini tal-Artiklu 17(h) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni tal-konkors tal-piena, l-imputat ghandu jinghata tal-inqas sitt (6) snin prigunerija, tenut kont tal-ammissjoni bikrija tieghu, u ghalhekk il-Qorti sejra tapplika dik il-piena ghal dan il-kaz, flimkien mad-dhul fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija sospiza, kif ser jinghad hawn aktar 'il quddiem.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Carmelo Innorcia hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sitt (6) snin prigunerija.
Barra minn hekk din il-Qorti tordna wkoll li tidhol fis-sehh sentenza sospiza moghtija fil-konfront tal-istess Carmelo Innorcia nhar is-26 ta' Marzu, 2007, u cioe' dik ta' sentejn (2) prigunerija, sospizi ghal erba' (4) snin.
Ghaldaqstant, l-imsemmi imputat qieghed jigi kkundannat ghal tminn (8) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------